31997D0838

L 347/45 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 18.12.1997

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-28 ta' Novembru 1997
## dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunitajiet Ewropej, dwar materji fil-kompetenza tagħha, tar-riżultati tan-negozjati tal-WTO dwar is-servizzi bażiċi tat-telekomunikazzjoni

(97/838/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikoli 57, 66, 90, 99, 100, 100a u 113, flimkien ma' l-Artikolu 228(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 228(3) tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Billi l-Ftehim ta' Marrakesh li stabbilixxa l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-ftehim relatati, d-Deċiżjoni Ministerjali u d-dikjarazzjonijiet, inkluża d-Deċiżjoni Ministerjali dwar in-Negozjati fuq it-Telekomunikazzjoni Bażika, kif ukoll l-Anness dwar it-Telekomunikazzjoni u l-Anness dwar in-Negozjati dwar it-Telekomunikazzjoni Bażika kienu approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 [3];

Billi l-impenji totali fis-servizzi tat-Telekomunikazzjoni bażika negozjati mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, jikkostitwixxu ħruġ sodisfaċenti u bilanċjat;

Billi fit-30 ta' April 1996 il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni sabiex tapprova, f'isem il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, d-Deċiżjoni tal-Grupp Negozjatur dwar it-Telekomunikazzjoni Bażika u l-Kunsill tal-WTO għall-Kummerċ fis-servizzi li jadottaw ir-raba' Protokoll tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-servizzi u d-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-Kummerċ fis-servizzi dwar l-Impenji f'Telekomunikazzjoni Bażika;

Billi fl-14 ta' Frar 1997 il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni sabiex tissottometti lill-WTO l-iskeda finali tar-rabta f'isem il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha;

Billi l-kompetenza tal-Komunità sabiex tikkonkludi l-ftehim internazzjonali ma titnissilx biss minn għoti espliċitu mit-Trattat iżda jista' jinħareġ ukoll dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat u minn atti adottati wara dawk id-dispożizzjonijiet istituzzjonali tal-Komunità:

Billi fejn ir-regoli tal-Komunità ġew adottati f'ordni sabiex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattat, l-Istati Membri ma jistgħux, barra l-qafas ta' l-istituzzjonijiet komuni, jidħlu f'rabta li tista taffettwa dawk ir-regoli jew tibdel l-għan tagħhom;

Billi xi impenji dwar is-servizzi ta' telekomunikazzjoni bażika jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità taħt l-Artikolu 113 tat-Trattat; billi, barra minn hekk, impenji oħra dwar is-servizzi tat-telekomunikazzjoni Bażika jaffettwaw ir-regoli tal-Komunità li tadotta fuq il-bażi ta' l-Artikoli 57, 66, 90, 99, 100 u 100a u għaldaqstant jistgħu jiddaħlu għalihom mill-Komunità waħedha;

Billi l-użu ta' l-Artikolu 100 tat-Trattat bħala bażi legali għad-Deċiżjoni hu ġustifikat ukoll mill-fatt li l-impennji msemmija aktar 'l fuq dwar is-servizzi tat-telekomunikazzjoni bażika x'aktarx jaffettwaw id-Direttiva tal-Kunsill 90/434/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-taxxa applikabbli

---
(1) ĠU C 267, 3.9.1997, P. 80.
(2) ĠU C 339, 10.11.1997.
(3) ĠU L 336, 23.12.1994, P. 1.

għall-korporazzjonijiet, diviżjonijiet, transferimenti ta' assi u skambju ta' ishma dwar kumpanniji ta' l-Istati Membri differenti (1) u d-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-taxxa applikabbli fil-każ ta' kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' l-Istati Membri differenti (2), li huma bażati fuq l-Artikolu 100 tat-Trattat;

Billi, fin-natura tagħhom, il-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-Protokoll tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-servizzi, m'humiex suxxettibbli li jkunu direttament invokati fil-Komunità jew fil-qrati ta' l-Istati Membri,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

1. Ir-Raba' Protokoll tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ f'Servizzi dwar is-servizzi tat-telekomunikazzjoni bażika huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunitajiet Ewropej dwar dik il-parti tagħha li taqa fi ħdan il-kompetenza tal-Komunità.

2. It-test tar-Raba' Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni, bħalma huma dawn li ġejjin:

— l-iskeda ta' l-impenji speċifiċi tal-Komunità u l-Istati Membri, li hija parti mill-pakkett totali ta' l-impenji milħuq fil-WTO fil-15 ta' Frar 1997,

— id-deċiżjoni tal-Kunsill għal Kummerċ f'Servizzi dwar l-impenji fit-telekomunikazzjoni bażika, u

— ir-rapport tal-15 ta' Frar 1997 mill-Grupp tat-Telekomunikazzjoni Bażika tal-Kunsill għall-Kummerċ f'Servizzi.

3. Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina lill-persuna(i) li jingħataw il-poter sabiex jiffirmaw ir-raba' Protokoll tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ f'Servizzi f'ordni li jaqdu l-Komunità dwar dik il-parti tal-Protokoll li taqa' fi ħdan il-kompetenza tagħha.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Novembru 1997.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

G. WOHLFART

(1) ĠU L 225, 20.8.1990, P. 1.
(2) ĠU L 225, 20.8.1990, P. 6.